# Kappelli

## *Mxerrdin Madwar Malta Ddedikati lil San Ġużepp*

**Kitba ta' Odette Gauci Cortis B.A. (Hons.) Hist.**

Id-devozzjoni lejn il-Patrun Universali tal-Knisja u r-raġel ta' Sidtna Marija hija mxerrda sew fil-gżejjer Maltin. Dan narawh fid-diversi knejjes li hawn iddedikati lil dan il-patrun. U xi ngħidu għad-diversi festi li jiġu ċċelebrati ad unur tiegħu. Biss biss nistgħu nsemmu l-knejjes prinċipali li huma ddedikati lilu li jinsabu fl-Imsida, fil-Manikata, il-Kalkara, fil-Qala Għawdex, f'Birkirkara u fir-Rabat Malta. Żgur u mhux forsi li kull Malti u Għawdxi xi darba f'ħajtu daħal jara dawn il-knejjes. Barra minn dan, kważi f'kull knisja li nidħlu ħa nsibu xi statwa, altar jew fratellanza li huma ddedikati lil San Ġużepp.

Imma mbagħad forsi ftit huma dawk in-nies li jafu li jeżistu kappelli oħra żgħar li huma ddedikati lil San Ġużepp li ftit huma msemmija u magħrufa. Għalhekk f'dan l-artiklu tiegħi ta' din is-sena ħa nagħti ħarsa ħafifa lejn xi wħud minn dawn il-kappelli li kienu ddedikati lil San Ġużepp u forsi għalkemm m'għadhomx jeżistu jew m'għadhomx jintużaw xorta kienu sbieħ u ta' valur storiku.

### F'Birżebbuġa

Nibda bil-kappella li tinsab f'Birżebbuġa. F'dan ir-raħal imdawwar bil-baħar kienet inbniet kappella ddedikata lil San Ġużepp li għadha teżisti sal-lum għalkemm mhix aċċessibbli għan-nies għax tinsab ġo dar privata u għalhekk ftit jista' wieħed jattendi ġo fiha. Minn barra wieħed jista' jaraha u jagħrafha żgur billi l-kampnar tagħha li hu ta' stil korint jisboq bini ieħor. Ġewwa hija kappella sempliċi u żgħira.

Hemm kwadru li juri lil San Ġużepp bil-Bambin u li hu ċert hu li mal-bieb ta' barra hemm kitba li tgħid li kull min jgħid Pater, Ave u Gloria quddiem ix-xbiha ta' San Ġużepp li hemm ġewwa l-knisja għal erbgħin jum jaqla' indulġenza.

### Wied il-Għajn

Kappella oħra ċkejkna ddedikata lil San Ġużepp li wieħed ukoll diffiċli jkollu aċċess għaliha hija dik li tinsab ġewwa Wied il-Għajn. Din tinsab ħdejn ix-xatt ta' Wied il-Għajn. Kien bnieha ċertu wieħed jismu Wenzu Bigeni għaliex kien devot ta' San Ġużepp u x-xewqa tiegħu kienet li meta jmut jindifen fiha kif fil-fatt hekk ġara. Din il-kappella nbniet fuq il-pjanta tal-Perit Solar. Maż-żmien din il-knisja saret privata u mbagħad inħattet biċċa sew minnha. Illum il-ġurnata qed tintuża biss għal skop turistiku.



*Dettall mill-faċċata tal-kappella ta' San Ġużepp f'Ħaż-Żabbar.*

### Ħaż-Żabbar

Minn Wied il-Għajn ngħaddu għal Ħaż-Żabbar. Hawn, barra li nsibu knisja, nsibu wkoll istitut li hu ddedikat ukoll lil San Ġużepp. Dawn għadhom jeżistu sal-lum u wieħed faċli jkollu aċċess għalihom. L-istitut u l-knisja jinsabu inti u dieħel f'Ħaż-Żabbar. L-istitut kien jintuża biex jilqa' għandu bniet iltima u kien f'idejn is-Sorijiet Dumnikani. Il-fundatur tiegħu kien Patri Feliċjan Grech li kien Dumnikan. L-ewwel ġebla tiegħu tqiegħdet fit-2 ta' Lulju 1930 fuq il-pjanta tal-Perit Ġużeppi Pace u x-xogħol intemm fis-7 ta' Novembru 1937. Il-knisja wkoll inbniet ma' dan l-istitut fuq pjanta ta' l-istess perit. Kienet ikkonsagrata mill-Arċisqof Gonzi fl-14 ta' April 1961. Fiha altar wieħed li naturalment huwa ddedikat lil San Ġużepp.

Minn ġewwa hija mżejna b'diversi pitturi sbieħ li huma maħduma mill-pittur Ġużeppi Briffa. It-titular juri lil San Ġużepp. Fl-arzella li hemm fil-ġenb hemm kwadru ieħor li juri d-dehra tal-Madonna lil San

Duminku. Fuq iż-żewġt iġnub l-oħra hemm żewġ kwadri żgħar li juru lil San Vinċenz Ferreri (1937) u ż-żwieġ ta' Santa Katarina.

## Santa Venera

F'Santa Venera l-knisja għandha daqs daqsxejn kbir meta tqabbilha ma' dawk li diġà semmejt. Din il-knisja bnieha Dun Ġorġ Bugeja fl-1906 u magħha bena wkoll istitut li kien jintuża biex fih jilqa' dawk it-tfal li kienu jiġġerrew fit-toroq. Il-flus biex tinbena din il-knisja kienu nġabru u ngħataw minn Dun Ġorġ stess bl-għajnuna ta' xi benefatturi. Infatti benefattur li għen ħafna biex tinbena din il-knisja kien Karmenu Bugeja li kien qarib ta' Dun Ġorġ. Meta wieħed jidħol ġo din il-knisja jinduna bil-kor, żewġ kappelluni u kursija. Għandha tliet altari u fiha għamla ta' salib latin. Fil-ġenb għandha kampnar. Nhar l-14 ta' Mejju 1916 Mons. Mawru Caruana l-isqof ta' Malta kkonsagra din il-knisja u fl-altar maġġur qiegħed ir-relikwji tal-qaddisin Ġuswar, Beninju u Vittorju. Ġo din il-knisja wieħed jista' jammira żewġ kwadri xogħol iż-Żebbuġi Lazzaro Pisani li juru tar-Rużarju (1919) u lil Kristu fl-Ort (1920).



*Il-kappella ta' San Ġużepp li tinsab f'Santa Venera.*

## Ħamrun

Din il-kappella m'għadhiex teżisti. Kienet inbniet minn kavallier ta' l-Ordni ta' San Ġwann, il-Viċi-Kanċillier u Kommendatur Fra Eugen Ramirez Maldonato. Din il-kappella bnieha ġewwa daru stess li kienet tinsab fit-tarf ta' fuq ta' Triq San Ġużepp. Meta miet din id-dar waqgħet f'idejn il-Gran Mastru ta' dak iż-żmien u baqgħet f'idejn l-Ordni sakemm kellhom iħallu l-gżejjer Maltin mal-wasla tal-Franċiżi f'Malta fl-1798. Għalhekk mat-tluq ta' l-Ordni din il-kappella ġiet ipprofonata fl-imblokk tal-Franċiżi u saret tintuża bħala ħanut. Iżda fis-seklu dsatax mal-wasla ta' l-Ingliżi din il-kappella ma baqgħetx teżisti. Imma ħaġa li hija żgura hija li din il-knisja kienet il-bidu li biha ngħatat isimha t-triq ewlenija li kienet tinsab fiha u aktar tard lir-raħal kollu li sar magħruf bħala *Casal San Giuseppe*. Maż-żmien inbidel u sar magħruf bħala *Ħamrun* kif nafuh illum.

## San Pawl il-Baħar

Din il-knisja kien berikha Mons. Mikiel Gonzi u qiegħed l-ewwel ġebla tagħha fis-6 ta' Diċembru 1959. Din il-knisja tellgħuha l-Patrijiet Kappuċini u kienet taħt it-titlu ta' San Ġużepp Ħaddiem. Il-pjanta saret mill-magħruf Kavallier Ġużè D'Amato. Il-knisja kellha koppla, għamla ottangolari, bi djametru ta' 90 pied u kienet mibnija fuq stil modern. Kien fiha tliet altari.

Fost l-iktar kwadri popolari kont issib dawk li kienu jinsabu ħdejn l-altar tax-xellug il-kwadru ta' San Antnin qed jippriedka lill-ħut, il-kwadru ta' San Ġużepp u l-Bambin u l-kwadru ta' San Franġisk ma' l-annimali. Imbagħad kien hemm kwadri oħra fl-altar tal-lemin dak ta' San Pawl, dak tal-Madonna madwar l-Appostli u dak ta' Sant'Andrija. Dawn kollha għamilhom il-pittur Pietru Camilleri Cauchi. Statwi kien hemm dik ta' San Ġużepp u l-Bambin, San Ġuda Taddeo u l-Kunċizzjoni li ħadimha Wistin Camilleri.

Din il-knisja telgħet fuq il-lok fejn il-Kappuċini kienu jagħmlu s-servizz tagħhom f'daqsxejn ta' kamra rrangata kappella. Imma din il-knisja ħelwa ma kellhiex tgawdi wisq għaliex ftit snin wara li nbniet bdew jidhru xi xquq li ħassbu sewwa lill-patrijiet. Sar studju fuq l-art li fuqha nbniet il-knisja u nstab li l-art kienet taflija u kollha xquq kbar. B'hekk kien ġie deċiż li titwaqqa' qabel ma taqa' weħidha bil-kaġun ta' xi diżgrazzja. Għalhekk f'Ġunju 1988 inbeda x-xogħol, ta' twaqqigħ ġebla ġebla li bdiet mill-koppla. Il-ħaddiema ma laħqux ħattew wisq għaliex il-parti l-kbira minnha waqgħet weħidha u hekk illum tidher biss qisha qafas.

Minn din il-ħarsa stajna naraw li matul iż-żmien kien hawn diversi knejjes żgħar u kappelli li kienu ddedikati lil San Ġużepp u li ftit jissemmew jew għax m'għadhomx jeżistu jew inkella għax ma kienx hawn ħafna tagħrif fuqhom. Għalhekk tajjeb li wieħed isemmihom u jagħtihom it-tifħir li jistħoqqilhom għaliex dawn żgur inbnew frott l-imħabba li kellhom missirijietna lejn dan il-Patrijarka San Ġużepp. Żgur li allavolja wħud minnhom m'għadhomx jeżistu xorta qatt m'huma ħa jintesew.

**Referenzi:**

- Enċiklopedja *Bliet u Rħula Maltin Tagħrif dwar kull Belt u Raħal*, Malta, 1987.
- Informazzjoni dwar knejjes li m'għadhomx jeżistu jew huma privati ġiet miġbura minn domandi li ġew magħmula lil xi persuni minn Birżebbuġa, minn Wied il-Għajn u minn San Pawl il-Baħar.